# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Colin Sheldon]

[Spettur Christian Cauchi]

vs

Carlin Baldacchino

Kumpilazzjoni Numru: 133/2025

Illum, erbgha u ghoxrin (24) ta' April, 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Carlin Baldacchino detentur tal-Karta tal-Identità 254197M** akkuzat talli nhar il-Hadd 09 ta' Frar 2025 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs) u/jew fil-hinijiet ta' qabel dan gewwa Triq Dawret Hal Ghaxaq, Hal Ghaxaq u/jew fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer Maltin:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-eks **siehba tieghu Anthea Cilia** f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema griehi huma ta' natura hafifa hekk kif giet iccertifikatha mit-tabib Dr Med Alannah Bonello bin-numru tar-registrazzjoni mediku 4688 minn gewwa l-isptar Mater Dei u dan aggravat billi d-delitt sar fuq il-persuna ta' il-konjugi attwali jew eks konjugi, siehba f'unjoni ċivili, jew koabitant, id-delitt sar fuq l-**eks siehba tieghu Anthea Cilia** li tkun qieghda tghix fl-istess dar bhall-hati jew li kienet tghix mal-hati qabel ma twettaq ir-reat u d-delitt sar fuq l-**eks siehba tieghu Anthea Cilia** li tkun jew li

kienet f'relazzjoni mal-hati kemm bil-hsieb li tizzewweg u kemm jekk le.

*Artiklu 214, 215 u 221(1), 202(h)(i)(v)(vi) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok u taht l-istess cirkustanzi ikkawza lill-**eks siehba tieghu Anthea Cilia** biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u dan aggravat minhabba li d-delitt twettaq kontra il-konjugi jew is-siehba prezenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tghix mal-vittma, jew persuna li tkun abbuzat mill-awtorita' taghha kif wkoll twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt.

**Artikoli 251B, 251(3), 251H(a)(f) u 251HA tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

3. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u taht l-istess cirkustanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq Nintendo Switch li hi propjeta' ta' Anthea Cilia u dan meta l-ammont tal-hsara ma skorriex elfejn u hames mitt ewro (€2,500), izda kien izjed minn mitejn u hames mitt ewro (€250)

   **Artikoli 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lokazzjonijiet u taht l-istess cirkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, kiser voluntarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ;

   **Artikoli 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien tah htija tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' ghandu b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-

reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigistabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra,

**Artikoli 15A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluz fil-mori tal-kawza kontra Carlin Baldacchino ghal beneficcju ta' Anthea Cilia u l-familjari taghha u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurtà tal-parti leza

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat moghtija fl-ewwel seduta datata tlettax (13) ta' Frar 2025 liema ammissjoni giet sussegwentement ikkonfermata wara r-rapport tal-Probation Officer;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu 2025 l-Ordni tas-Supervizjoni Temporanja fuq l-imputat giet mibdula fi Pre-Sentencing Report li dan gie pprezentat fis-seduta tal-erbatax (14) ta' April 2025 minn Odelsie Vella Bayliss fejn inghad is-segwenti (Dok. OVB1):

" ***Pjan ta' Kura***

*L-informazzjoni għall-fini ta' dan ir-rapport turi li l-imsemmi m'għandux stabbilità fil-ħajja preżenti tiegħu u għandu diversi oqsma f'ħajtu li hemm bżonn li jaħdem fuqhom biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tiegħu lura fil-komunità'. Fost dawn l-oqsma wieħed isib:*

- *L-abbuż tad-droga*
- *Nuqqas ta' residenza fissa*
- *Nuqqas ta' impjieg*
- *Nuqqas ta' indipendenza finanzjarja*
- *Nuqqas ta' sapport familjari u soċjali*
- *Diffikultajiet psikoloġiċi u/jew personali fosthom sintomi evidenti ta' ADHD, impulse aggressive u mod inadekwat ta' kif iġib ruħu f'ċerti sitwazzjonijiet.*

*Dawn id-diffikultajiet huma meqjusa bhala qasam ta' riskju f'hajjet l-imsemmi u ghalhekk wiehed jara l-htiega li jigu indirizzati bis-serjeta' qabel jigi rilaxxat mill-habs, ghaliex jekk le, ir-riskju li l-imsemmi jwettaq reat kriminali iehor jiqba' wiehed gholi, filwaqt li il-protezzjoni tas-socjeta' ma tkunx wahda sigura.*

- ***Rakkomandazzjoni***

*Fid-dawl li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi ta' vjolenza domestika fuq is-siehba tieghu u fid-dawl tan-nuqqas ta' stabbilita' li tezisti fil-hajja prezenti tieghu, l-Ufficjal tal-Probation m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li tirrakomanda piena karcerarja u dan bil-ghan li Carlin Baldacchino jkun jista' jottjeni kull ghajnuna mehtiega, f'ambjent sigur, filwaqt li tigi assigurata*

*wkoll il-protezzjoni tal-vittma u s-socjeta' in generali."*

Illi in linja mal-fatt illi din il-Qorti ma kinitx hassitha komda li tinghata sentenza mal-ammissjoni tal-imputat li kienet inghatat fl-ewwel seduta, taqbel perfettament mar-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation inkwantu ghal piena li ghandha tigi inflitta izda stante li l-ammissjoni saret fi stadju bikri tal-proceduri ser tinghata piena fil-minimu taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 221(1), 202 (h)(i)(v)(vi); 251B, 251(3), 251H(a)(f), 251HA; 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **Carlin Baldacchino** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fuq ammissjoni u

tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija effettivi.

Ulterjorment l-imputat qed jitqieghed taht ordni ta' trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) liema ordni ghandha tifforma parti minn din is sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**